# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 17**

**Rikors Numru 226/11 AL**

**Anthony Grech**

**v.**

**Avukat Dr Simon Micallef Stafrace l-PL Melissa Anastasi b'digriet tat-28 ta' Mejju 2012 gew nominati bhala kuraturi deputati ghall-assenti Sarah Jane Grech**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-attur minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fit-3 ta' Dicembru 2015, li permezz taghha dik il-Qorti ipprovdiet dwar l-azzjoni attrici, inter alia, billi laqghet l-ewwel [1] talba attrici u ppronunzjat li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba abbandun da parti tal-konvenuta; astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni [2] talba ghall-kura u l-

kustodja ta' wlied il-partijiet in kwantu llum dawn huma maggorenni; laqghet it-tielet [3] talba u ordnat lill-konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250) kull erba' gimghat ghal kull wiehed miz-zewg ulied, liema manteniment ghandu jizdied kull sentejn skont l-indici tal-gholi tal-hajja u jinkludi fih l-ispejjez relattivi ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess ulied, sakemm l-istess ulied jibqghu jistudjaw *fulltime* u dan sa massimu tal-età ta' 23 sena; laqghet limitatament ir-raba' [4] talba u ordnat id-dekadenza tal-konvenuta mill-jeddijiet konjugali kif stabbiliti fl-Artikolu 48, 53 u 54 tal-Kodici Civili; laqghet il-hames [5] talba u b'hekk xoljiet, illikwidat u assenjat il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet bil-mod kif spjegat fil-paragrafu intestat "Dwar ix-Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti"; astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt [6] talba ghar-ritorn tal-propjeta` parafernali tal-attur.

<u>Fatti</u>

2. Il-partijiet izzewwgu fil-31 ta' Ottubru 1992 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewg ulied li llum huma maggorenni. L-attur huwa cittadin Malti filwaqt li l-konvenuta hija ta' nazzjonalità Ingliza. Wara konvivenza matrimonjali ta' cirka 19-il sena, il-konvenuta abbandunat id-dar matrimonjali u marret lura l-Ingilterra. Ghalkemm l-attur mar ifittixha gewwa l-Ingilterra flimkien ma' uliedu, fid-9 ta' Mejju 2011 hija informatu

illi ma kinitx ser tirritorna lura Malta. Kien ghalhekk illi l-attur beda l-proceduri odjerni ghal separazzjoni personali minn ma' martu l-konvenuta.

Is-Sentenza Appellata

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha tat-3 ta' Dicembru 2015, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet relatata maz-zwieg li sehh fil-31 t'Ottubru 1992. Min-naha tieghu l-attur qieghed jghid li z-zwieg tkissier irrimedjabbilment ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-konvenuta assenti kif rapprezentata mill-kuraturi deputati.
>
> "Il-qorti tirrileva li permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet taghhom, il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-intimat assenti ddikjaraw li m'humiex edotti mill-kaz u ddikjaraw ghamlu wkoll l-ghalmu taghhom biex jaghmlu xi forma ta' komunikazzjoni mal-konvenuta u konsegwentement irriservaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri f'kaz li jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.
>
> "**Verzjoni tal-attur**
>
> "L-attur xehed permezz ta' affidavit[1] u fih ta id-dettalji kollha taz-zwieg tieghu u l-mod li bih tkisser. Huwa jghid li zzewweg lil mara tieghu ta' nazzjonalita' Ingliza (li ghexet fl-Ingilterra sa meta kellha l-eta ta' tmintax-il sena) fil-31 ta' Ottubru 1992 u tul is-snin jghid li z-zwieg tieghu kien wiehed ferhan, minkejja li sofra t-telf ta' missieru u tnejn minn hutu. Huma kellhom zewgt itfal li twieldu fid-9 ta' Frar 1994 u fit-8 ta' Dicembru 1996. Hu jghid li huwa bniedem tal-familja u darba fis-sena kienu jsiefru bhala familja. Fis-Sajf kienu wkoll johorgu jieklu barra u jghumu kull nhar ta' Hadd. Jghid ukoll li kien jaghtiha l-kontroll kollu tal-flus, anke l-flus li kien jaqla'. Meta t-tfal bdew jikbru huwa xtralhom zewg kompjuters biex ikunu jistghu jistudjaw ahjar. Meta dahlu l-kompjuters beda l-inwkiet fiz-zwieg taghhom, hija bdiet tfittex il-hbieb l-antiki taghha fuq il-*facebook* u l-attur kemm il-darba kien isaqsiha x'kienet qeghda taghmel peress li kienet tqatta' hafna hin fuq

[1] Ezebit a fol 528 tal-process

il-kompjuter, u hi kienet tghidlu li qed tfittex lil shaba, haga li huwa dejjem emmen peress li kien jafdaha. Darba minnhom f'Mejju 2010 l-konvenuta marret tkellmu waqt li hu kien qieghed jipprepara ghax-xoghol u infurmatu li iddecidiet li tmur vaganza wahedha. Din kienet ahbar li l-attur ma hadhiex tajba ghaliex ma setax jifhem dan l-agir, anke omm il-mara qaltlu biex jafdaha peress li kienet ser tirritorna lura d-dar. Hi kienet telqet u damet madwar gimgha msiefra u meta giet lura gabet kompjuter maghha, bdiet tqatta hafna hin fuqu u dejjem kienet tinforma lill-attur li kienet tkun qed tilghab il-loghob fuqu, kienet tqum kmieni tara l-messaggi u hu kien jafdaha, fl-istess zmien hu beda jinduna li bdet tahbi l-*mobile* minnu, pero' peress li kien jafdaha qatt ma kien jigbdilha l-attenzjoni fuq dan il-fatt. Fid-9 ta' Mejju 2011 jirrakkonta kif kienet gurnata bhas-soltu u l-konvenuta hallietlu karta li kienet tghid li marret tixtri minn Tas-Sliema, ghadda hafna hin u ma irritornatx, tant li l-attur kellu jaghmel rapport ghand il-pulizija. Meta ghaddew ftit granet, qabad u ma uliedu tela' l-Ingilterra jfittex lil martu, hija ltaqghet mieghu fil-lukanda ghal ghaxar minuri fejn kien qieghed flimkien mat-tfal u kif mar jghannaqaha ma hallietux u infurmatu li kellu jiehu lit-tfal u jirritorna d-dar ghaliex hi ma kienitx gejja lura.

"**<u>Provi migbura quddiem il-Qorti</u>**

"Il-Qorti tirrileva li ghajr ghall-affidavit ta' l-attur li huwa l-prova principali kocernanti t-tifrik taz-zwieg, l-unika prova li gab l-attur dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti huwa kopja awtentikata ta' kuntratt ta' l-akkwist tad-dar matrimonjali[2], kif ukoll diversi xhieda tal-banek li xehdu dwar id-depoziti bankarji tal-partijiet.

"Primarjament jibda billi jixhed ir-Rapprezentant tal-Bank of Valletta[3] li jixhed dwar sitt kontijiet tal-konvenuta li kollha llum jinsabu maghluqin minbarra wiehed. Il-kont li ghadu miftuh huwa 40014825244[4] li ghad baqghalu l-ammont ta' €27.11, il-kontijiet 40015152754[5], 40015152783[6], 40015427418[7], 40017805274[8] u 40017805407[9] kollha jinsabu maghluqin.

"Tixhed ir-Rapprezentant tal-Bank HSBC[10] u hija tixhed u tesebixxi dokumenti li l-attur ghandu l-kontijiet 04706385400[11], 047063854050[12], 056160823100[13] li huma maghluq, 047063854451[14] li wkoll huwa

[2] Ezebit A fol 539 tal-process
[3] A fol 38 tal-process
[4] Ezebit a fol 40 sa 56 tal-process
[5] Ezebit a fol 57 sa 59 tal-process
[6] Ezebit a fol 60 sa 62 tal-process
[7] Ezebit a fol 63 sa fol 68 tal-process
[8] Ezebit a fol 69 sa 79 tal-process
[9] Ezebit a fol 80 sa fol 90 tal-process
[10] Ara fol 91 tal-process
[11] Ara fol 94 sa fol 162 tal-process
[12] Ara fol 163 sa fol 189 tal-process
[13] Ara fol 190 sa fol 239 tal-process
[14] Ara fol 240 sa fol 241 tal-process

maghluq, 5522009410117740[15] li hija kont ta' kard, 4568821030153931[16] li huwa maghluq, 4568820183314571[17] li wkoll huwa maghluq. Il-konvenuta ghandha dawn il-kontijiet 047069307001[18], 047069307052[19] li ghadu miftuh u baqghalu l-ammont ta' €11850.36, 047069307050[20], 047069307051[21] li huwa maghluq, 056069198100[22] li huwa maghluq, 056069198101[23]. Il-kontijiet tal-partijiet flimkien u in komuni huma 05610807050[24] li hu miftuh u fih l-ammont ta €101,560.30, 05616080751[25] li ghadu miftuh u li fih l-ammont ta' $141,783.48, 056160807500[26] li huwa maghluq u 056160807511[27] li huwa maghluq.

"Xehdu wkoll ir-rapprezentanti tal-banek APS u Banif li ikkonfermaw li l-partijiet ma kellhom l-ebda kont mal-banek rispettivi.

"Xehed ir-rapprezentant ta' l-MSV Life li ipprezenta dokument[28] li juri li hemm polza t'assigurazzjoni ghan-nom taz-zewg partijiet li baqghet tigi mhallsa sas-sena 2010 u li *s-surrender value* taghha huwa ta' €5493.60 sal-gurnata meta gie ipprezentat id-dokument u allura l-14 ta' Marzu 2013.

"**<u>Dwar it-talba ghas-separazzjoni personali u r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg</u>**

"Fir-rikors guramentat u fl-affidavit tieghu, l-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq l-abbandun min-naha tal-konvenuta. Hawnhekk il-Qorti se taghmel referenza ghall-Artikolu 41 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk,

> "*Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba"*.

"Permezz ta' l-affidavit tieghu, l-attur jiddikjara li l-konvenuta telqet lejn pajjizha ghal dejjem u infurmatu bl-intenzjoni taghha li ma tirritornax Malta fid-9 ta' Mejju 2011. Din il-kawza giet intavolata fil-11 ta' Lulju 2011 u ghalhekk mhux wara s-sentejn li jsemmi l-Artikolu 41 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, madanakollu s-sitwazzjoni matrimonjali tal-kaz in ezami fil-gurnata odjerna ma nbidlitx u l-abbandun ghadu jissussisti

[15] Ara fol 242 sa fol 267 tal-process
[16] Ara fol 299 sa fol 304 tal-process
[17] Ara fol 268 sa fol 298 tal-process
[18] Ara fol 305 sa fol 366 tal-process
[19] Ara fol 367 sa fol 389 tal-process
[20] Ara fol 390 sa fol 403 tal-process
[21] Ara fol 404 sa fol 417 tal-process
[22] Ara fol 418 sa fol 465 tal-process
[23] Ara fol 466 sa fol 470 tal-process
[24] Ara fol 471 sa fol 480 tal-process
[25] Ara fol 481 sa fol 503 tal-process
[26] Ara fol 504 sa fol 508 tal-process
[27] Ara fol 509 sa fol 512 tal-process
[28] Ezebit bhala Dok VY1 a fol 517 tal-process

anke pendenti dawn il-proceduri, wara li issa ghadda t-terminu operattiv tas-sentejn imsemmi fil-Ligi.

"Il-konvenuta qabdet u arbitrarjament telqet mid-dar matrimonjali u lill-familja taghha wara dsatax-il sena ta' zwieg, f'Mejju 2011. Il-Qorti m'ghandha l-ebda prova kontrarja ghal dak li qed isostni l-attur u tiddikajra wkoll li m'ghandha l-ebda raguni ghaliex m'ghandiex fic-cirkostanzi taghti kredibilita' shiha lill-verzjoni ta' l-attur. Il-konvenuta lanqas ma ressqet provi sodisfacjenti li jirrendu l-abbandun taghha mid-dar matrimonjali bhala wiehed legali jew ghal xi raguni validu.

"Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, u wara li qrat l-affidavit ta' l-attur li ma hux kontradett mill-konvenuta tara li jirrizulta li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tort tal-konvenuta minhabba abbandun.

"**<u>Dwar il-kura u kustodja tal-minuri</u>**

"Il-Qorti tirrileva li skont ir-rikors guramentat ta' l-attur, it-tfal tal-partijiet Ryan Daniel u Jamie Thomas twieldu fid-9 ta' Frar 1994 u fit-8 ta' Dicembru 1996, ghalhekk illum il-gurnata huma ta' eta maggorenni, u ghal din ir-raguni, mhux se tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

"**<u>Dwar it-talba ghall-manteniment ta' l-ulied</u>**

"Hawnhekk il-Qorti tirrileva li t-tfal Ryan Daniel u Jamie Thomas llum huma maggorenni u jirrizulta mill-provi li ghadhom qeghdin jistudjaw. Il-Qorti, in vista ta' l-emendi ricenti fil-ligijiet relattivi ghall-manteniment tal-ulied, tirrileva wkoll li ladarba l-ulied qeghdin jistudjaw fuq bazi *full-time*, il-genituri ghandhom l-obbligu li jmantnu lill-istess ulied. F'dan il-kuntest il-Qorti qed taghmel referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

> "*Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja*"

"ghal artikolu 3B tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta:

> "*Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta'l-ulied*."u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:-
>
> "*Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."*

"Ghalhekk il-kontribuzzjoni ghall-manteniment ta' l-ulied ghandha tkun minn kull wiehed mill-genituri u tvarja minn kaz ghal kaz u jiddependi

fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta’ l-istess ulied, pero’ jibqghu veljanti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet tal-genturi versu l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta’ l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19(1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u edukazzjoni taghhom u skont il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi ikkalkulati ai termini tas-subartikoli ta’ l-istess artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m’huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri, izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, m’hemm l-ebda prova la tal-qliegh ta’ l-attur u lanqas tal-konvenuta, izda tenut kont ta’ dan kollu, kif diga’ gie rilevat, l-ulied Ryan Daniel u Jamie Thomas ghandhom id-dritt ghall-manteniment ladarba qeghdin jistudjaw *full-time*. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-Qorti tordna li fil-konfront ta’ l-ulied Ryan Daniel u Jamie Thomas, li sakemm huma jibqghu ghaddejin bl-istudji taghhom fuq bazi *full-time*, il-konvenuta hija obbligata li thallas manteniment ta’ mitejn u hamsin Euro (€250) kull erba’ (4) gimghat ghal kull wild hawn imsemmi sa l-eta’ massima ta’ 23 sena, liema somma tinkludi wkoll l-ispejjez ta’ sahha u edukazzjoni, u ghandha toghla kull sentejn skont l-indici ta’ l-gholi tal-hajja.

“**<u>Dwar id-dekadenza tal-konvenuta</u>**

“L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

“(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
“(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
“(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b’donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
“(ċ) kull jedd ta’ parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun konsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta’ waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b’kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
“(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f’kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

“L-Artikolu 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

> “Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu

> 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu".

"Il-Qorti, tirrileva li jirrizulta car li l-konvenuta hija hatja ghas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba dak hawn fuq spjegat fil-kap intitolat "Dwar it-Talba ghas-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' ghat-Tifrik taz-Zwieg" minhabba l-abbandun totali li hija ikkomettiet fuq il-familja taghha, u ghalhekk tara li hemm ir-rekwiziti necessarji biex jigi applikat kontra l-istess konvenuta l-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Min-naha l-ohra, m'hemm l-ebda prova dwar ix-xenjari jew ic-cirkustanzi msemmija fl-Artikolu 40 u ghalhekk, il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, izda tapplika kontra l-konvenuta l-artikoli 53 u 54 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

"**Dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti**

"L-assi formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti huma:

"1. Il-kontijiet bankarji li ipprezentaw ir-Rapprezentanti tal-Banek:-

"Senjatament hemm €27.11 fil-kont li jsejjah lill-konvenuta BOV 40014825244, €2.65 fil-kont li jsejjah lill-attur HSBC 047063854001, €11,850.36 fil-kont li jsejjah lill-konvenuta HSBC 047069307052, €101,560.30 fil-kont in komuni bejn il-partijiet HSBC 056160807050 u $141,783.48 fil-kont in komuni bejn il-partijiet HSBC 056160807451.

"2. Polza ta' l-assigurazzjoni FP412521 in komuni bejn il-partijiet li *s-surrender value* taghha huwa fl-ammont ta' €5493.60.

"Il-Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-konvenuta peress li irrendiet ruhha hatja ghas-separazzjoni odjerna, sejra tordna li l-polza ta' l-assigurazzjoni FP412521 ghandha tigi assenjata *in toto* lill-attur b'dan din il-polza issa ghandha ssir propjeta' eskussiva tieghu.

"Rigward il-kontijiet tal-bank, il-Qorti tordna li l-ammonti fil-kontijiet numru HSBC 047069307052, HSBC 056160807050 u HSBC 056160807451 ghandhom jinqasmu fi kwoti indaqs bejn il-partijiet, filwaqt li l-kontijiet l-ohra kollha ghandhom jigu assenjati f'isem min qeghdin intestati.

"**Dwar it-talba tal-beni parafernali li ghandhom jigu irritornati lill-attur**

"Illi l-attur irnexxielu jipprova li d-dar matrimonjali 33, Triq Cicerun, Marsaxlokk, hija propjeta' parafernali tieghu u dan wara li hu ipprezenta l-kuntratt ta' l-akkwist taghha, meta jirrizulta li xtara din id-dar fl-10 ta' Marzu 1986 u ghalhekk qabel ma dahal fiz-zwieg mal-

> konvenuta. Il-Qorti fehmet li l-attur diga' qieghed fil-pussess tad-dar matrimonjali, ghalhekk mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba."

L-Appell

4. L-appell tal-attur, ipprezentat fl-14 ta' Dicembru 2015, huwa limitat ghal dik il-parti tad-decizjoni tal-ewwel Qorti li permezz taghha dik il-Qorti applikat in parte d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodici Civili fil-konfront tal-konvenuta, u iddecidiet illi l-ammonti fil-kontijiet numru HSBC 047069307052, HSBC 056160807050 u HSBC 056160807451 ghandhom jinqasmu fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet.

5. Permezz tal-appell odjern l-attur jitlob li din il-Qorti tirrevoka is-sentenza appellata, u dan limitatament ghall-hames [5] talba imressqa minnu, u minflok tordna l-akkoljiment tal-hames [5] talba fl-intier taghha, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata ghall-kumplament.

6. Fir-risposta tal-appell taghhom ipprezentata fid-9 ta' Frar 2016, l-Avukat Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Melissa Anastasi bhala kuraturi deputati ghall-konvenuta assenti, wiegbu: [i]. illi l-appell interpost huwa limitat ghal parti mis-sentenza appellata rigwardanti d-divizjoni ordnata mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-kontijiet HSBC 047069307052 - 056160807050 – 056160807451; [ii] illi l-intimati ma humiex edotti mill-fatti relattivi ghal kawza odjerna, salv ghal dak dikjarat

mill-attur fir-rikors promotur u mill-provi minnu prodotti u, [iii]. ghalhekk jissottomettu illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma stante li hija ibbazata fuq il-fatti kif pruvati u trattati quddiemha.

L-Aggravju

7. L-aggravju tal-attur jirrigwarda d-decizjoni tal-ewwel Qorti li l-ammonti fil-kontijiet bankarji hawn elenkati ghandhom jinqasmu fi kwoti indaqs bejn il-partijiet: HSBC 047069307052, HSBC 056160807050 u HSBC 056160807451.

8. Huwa jissottometti illi l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 kellha tkun wahda *in toto* u mhux parzjali. Jghid li martu abbandunat id-dar matrimonjali u tul il-kors tal-kawza huwa rabba lil uliedu wahdu fl-assenza kompleta ta' martu li, minn naha taghha, abdikat ir-responsabbiltajiet taghha ta' omm u ta' mara mizzewwga. Huwa jaghmel referenza ghall-Artikolu 52 tal-Kodici Civili u jghid illi d-diskrezzjoni tal-Qorti testendi wkoll ghal evalwazzjoni dwar jekk ic-cirkostanzi tal-kaz jimmeritawx l-applikazzjoni *in parte* jew *in toto* tad-dispozizzjonijiet kontenuti fl-Artikolu 48.

9. L-attur jissenjala li fil-kaz odjern it-tort tas-separazzjoni bejn il-partijiet gie attribwit unikament lill-konvenuta li fid-9 Mejju 2011

abbandunat id-dar matrimonjali u irrifjutat li terga' tmur lura. L-ewwel Qorti tat kredibilità assoluta lill-verzjoni tal-attur u attribwiet il-htija lill-konvenuta minhabba abbandun. Jghid li ghalhekk is-sanzjonijiet komminati fl-Artikolu 48 kellhom jigu imposti fuq il-konvenuta fl-intier taghhom.

10. Jghid li l-ewwel Qorti fl-assenjazzjoni tat-tliet kontijiet fuq indikati iddecidiet li l-konvenuta ghandha tigi assenjata nofs l-ammonti ezistenti f'dawn il-kontijiet, filwaqt li l-kontijiet l-ohra ghandhom jigu assenjati f'isem min qeghdin intestati. Jissottometti li l-kont numru 047069307052 huwa intestat fuq isem il-konvenuta u ghalhekk ghandu jigi assenjat lilha, filwaqt li z-zewg kontijiet l-ohra ghandhom jigu assenjati kompletament lilu, partikolarment minhabba l-fatt li l-intimata abbandunat lill-familja taghha u abdikat minn kull responsabbiltà taghha ta' omm u ta' mara mizzewga.

<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

11. L-artikoli tal-ligi relevanti ghal dan l-appell huma l-Artikoli 48 tal-Kodici Civili.

12. Dan fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:

"Il-parti, ir-ragel jew il-mara, illi tkun il-htija tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 38[29] u 41[30] titlef: …..

"(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun konsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3; [sottolinear tal-Qorti]."

13. Jigi ribadit illi skont principju ormai assodat fil-gurisprudenza patria, din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti. Fir-rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti datata 18 ta' Lulju 2014 fl-ismijiet **Moviment Azzjoni Socjali v. Noel Borg**, fejn inghad:

"... … … l-Qorti tal-Appell bhala qorti ta' rivizjoni ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim istanza, hlief meta tkun manifestament zbaljata jew ghax ikun hemm ragunijiet serji, jew li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha [App.C. Emanuel Cardona et vs Dr.Graham Busuttil, deciz 10 Jannar 1995]. Dan ma jsirx "sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja tal- apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ngustizzja manifesta" [App.S. Paul Formosa v Salvu Deboni, deciz 5 Ottubru 2001]" [sottolinear tal-Qorti].

14. Din il-Qorti ser tghaddi sabiex taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fattwali relattivi ghall-aggravju tal-attur. Il-kont HSBC

[29] Dan jikkontempla l-adulterju
[30] Dan jikkontempla l-abbandun

bin-numru 047069307052[31] jinsab fuq isem il-konvenuta wahedha u skont l-ahhar rendikont ipprezentat in atti datat 19 ta' Jannar 2013[32] il-bilanc gewwa dan il-kont huwa xejn. Il-kont HSBC bin-numru 056160807050[33] huwa wiehed komuni bejn il-partijiet, u skont l-ahhar rendikont ipprezentat in atti datat 6 ta' Marzu 2013[34], il-bilanc gewwa dan il-kont kien ta' €101,560.30. Il-Qorti tinnota li somma sostanzjali minn dan il-bilanc[35] tirrapprezenta depozitu maghmul wara li kien immatura kont komuni b'terminu fiss.[36] Il-kont HSBC bin-numru 056160807451[37] ukoll huwa wiehed komuni, u skont l-ahhar rendikont datat 28 ta' Dicembru 2012[38], il-bilanc gewwa l-istess kont kien ta' USD 141,783.58. Il-Qorti tosserva wkoll li somma sostanzjali minn dan il-bilanc[39] tirrapprezenta depozitu maghmul wara l-maturazzjoni ta' kont komuni b'terminu fiss.[40]

15. Ferm il-premess, jinghad li fl-azzjoni odjerna l-attur jikkontendi li fir-rigward tal-ewwel kont hawn fuq riferit, in kwantu dan jghajjat lill-konvenuta, dan ghandu jigi assenjat lilha, mentri fir-rigward taz-zewg kontijiet l-ohra intestati fuq iz-zewg partijiet flimkien, galadarba l-konvenuta giet misjuba unikament responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg

[31] Fol. 367 et seq.
[32] Fol. 388
[33] Fol. 471 et seq.
[34] Fol. 479
[35] Is-somma ta' €93,174.94.
[36] Kont HSBC 056160807100 a fol 504 et seq, li mmatura fil-11 ta' Mejju 2012
[37] Fol. 481 et seq.
[38] Fol. 403
[39] USD 125,300
[40] Kont HSBC 056160807500 a fol. 509 et seq, li mmatura fil-11 ta' Mejju 2012

taghhom minhabba abbandun, allura kellu jsegwi illi huwa jigi assenjat il-bilanci f'dawn il-kontijiet *in toto*.

16. Fir-rigward tal-kont HSBC 047069307052, din il-Qorti taqbel ma' l-attur illi dan ghandu jigi assenjat lill-konvenuta in kwantu jinsab fuq isimha peress li fil-mument tal-likwidazzjoni dan ma kienx jikkontjeni flus. Din il-parti tal-aggravju tal-attur qeghdha ghalhekk tintlaqa`.

17. Fir-rigward taz-zewg kontijiet l-ohra hawn fuq citati li jinsabu fuq isem iz-zewg partijiet, din il-Qorti ma taqbilx mal-attur illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 48 kontra l-konvenuta huwa ghandu jigi assenjat l-ammonti kollha hemmhekk kontenuti. L-Artikolu 48[1][(c] jipprovdi illi l-parti li tkun hatja tal-firda titlef nofs l-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti li minnha l-parti ghandha tkun konsidrata hatja tal-firda. Fil-kaz odjern dan il-provvediment ma jistax jghodd ghall-ammonti fil-kontijiet bankarji in kwistjoni, in kwantu ma ngabet ebda prova illi dawn is-somom irrizultaw l-aktar mill-hidma tal-attur. Jirrizulta biss mir-rendikonti bankarji ipprezentati in atti illi dawn is-somom kienu rizultat ta' depoziti maghmula mill-partijiet flimkien, meta z-zwieg taghhom kien sejjer tajjeb u meta ghalhekk l-Artikolu 48 ma jistax jigi applikat ghalihom.

18. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti qeghdha tilqa' dan l-appell limitatament billi tvarja l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet maghmula mill-ewwel Qorti, u tassenja l-kont bankarju HSBC 047 069307 052 intestat lill-konvenuta esklussivament lill-istess konvenuta. Mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti filwaqt li l-ispejjez ta' dan l-appell huma a karigu tal-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df/mb